MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru. 91/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ronald Caruana**
**Natalie Galea**

Numru: 91/2012

Illum 30 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Ronald Caruana**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Joseph u Mary Rose neé Formosa, imwieled Pietà, nhar id-19 ta' Ottubru 1970, u joqghod 170, 'Madonnina', Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 443870(M)

u

**Natalie Galea**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Emanuel u Carmen neé Borg, imwielda Pietà, nhar it-12 ta' Awwissu 1982, u toqghod 'St. Francisco', 2, New Street fi Triq Qawra, Qawra, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 430082(M)

akkuzati talli nhar l-20 ta' Mejju 2012, ghall-habta ta' 01:00 ta' filghodu, gewwa Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. ikkometew serq ta' *wire* tal-eletriku u xi oggetti ohrajn li l-valur taghhom huwa ta' mija, erbgha u sebghin Euro u hamsa u ghoxrin centenzmu, liema serq hu kwalifikat bil-hin u dan ghad-dannu ta' Joe Louis Caruana;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

<u>Lil Ronald Caruana wahdu talli</u>:

3. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 48) datata 15 ta' Mejju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 261, 270, 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 58), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 48), u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Rat li l-imputati ma ressqu l-ebda provi ghajr id-depozizzjoni taghhom.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputata Natalie Galea (*a fol.* 73 *et seq.*).

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza li jippratrocinja lill-imputat Ronald Caruana (*a fol.* 81 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn qal li huwa hejja l-okkorrenza fuq rapport li ghamel Joe Louis Caruana rigward *wire* li sab nieqes. Ezebixxa din l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "JX 1" (*a fol.* 26 *et seq.*). Jghid li kien kellem lil xi xhieda fuq il-post li qalulu li ma raw lil hadd jiehu l-*wire.*

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 29 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu rigward ir-rapport li kien ghamel Joe Louis Caruana fl-20 ta' Mejju 2012 rigward serq ta' *wire* tad-dawl fi Pjazza Savina, meta kienet qed tigi organizzata in-Notte Gozitana fir-Rabat, Ghawdex. Jghid li meta l-Pulizija ccekjaw xi filmati tas-sigurtà kienu raw li fl-istess Pjazza Savina kienet tidher persuna femminili qieghda tigbor dan il-*wire* u din dehret tghaddih lil persuna maskili li ghamlu f'vann. Jghid li rrizulta li dan il-vann kien jintuza minn wiehed mill-*hawkers* li kienu armati li rrizulta li kien l-imputat Ronald Caruana. Jghid li meta baghat ghalih, l-imputat kien ha mieghu l-*wire* tad-dawl li kien ha minn gewwa Pjazza Savina u li ghamel riferenza ghalih aktar qabel. Jghid li ha stqarrija tal-imputati, liema istqarrijiet u dokumenti ohra gew ezebiti u

mmarkati minn Dok. "BCS 1" sa "BCS 5" (*a fol.* 32 *et seq.*). Jghid li dak li kien gie misruq gie kollu rilaxxat u li l-imputati kkooperaw mal-Pulizija u qabdu u hadu l-*wire* minn jeddhom qabel ma bdew ikellmuhom.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed ukoll **Joe Louis Caruana** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn qal li xoghlu huwa li jikri d-dawl u s-*sound* u li dakinhar tal-20 ta' Mejju 2012 (meta kienet qed tinzamm in-Notte Gozitana) ghall-habta tas-siegha ta' filghodu kienu qed izarmaw, kellhom xi *wires* jaghtu *supply* lil xi *bouncing castle* u ndunaw li *wire* ma kienx hemm. Ghamel rapport l-Ghassa u giet intercettata li kien hemm kamera li mill-filmat ra li kien hemm zewg persuni: tidher persuna tigbor il-*wire* u dehret tmur bih gol-vettura li min ghalih kien vann. Jghid li l-*wire* in kwistjoni huwa twil tletin metru. Jghid li dan gie ritornat lura lilu. Jghid li ramah ghall-habta ta' nofsinhar. Ikkonferma li l-istima li giet moghtija lilu hija d-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "BCS 5" (*a fol.* 37). Jghid li kien hemm persuna ibiegh il-helu u li, jekk mhux jizbalja, l-imputat ibiegh il-helu. Jghid li ra lill-imputata fuq il-kamera.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013, xehed **Vincent Apap** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn qal li fin-Notte Gozitana f'Mejju 2012 hu u l-*partner* tieghu kienu ordnati biex jarmaw il-*bouncing castles* u affarijiet tat-tfal. Jghid li gew moghtija s-*supply* tad-dawl u li meta zarmaw hallew kollox kif u fejn kien. Jispjega li s-*supply* tad-dawl wasluhulhom sa fejn hemm sigra fin-nofs ta' Pjazza Savina u minn hemmhekk hadu s-*supply*. Jghid li hallewh ezatt fejn kien u minkejja li ftehim dwar kif kellhom ihalluh ma kellhomx, ighid li hekk jaghmlu s-soltu. Jghid li sid il-*wire* kien ikkuntatjah u staqsieh ghall-*wire* peress li ma kienx sabu f'postu u hu (Apap) qallu li kien hallieh kif kien. Jghid li l-*wire* kien imwahhal marbut mas-sigra u hallewh hekk.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014, xehdet l-imputata **Natalie Galea** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet tinsab Ghawdex flimkien mat-tfal taghha. Tghid li l-imputat Ronald Caruana huwa habib taghha u li dakinhar ma marx Ghawdex maghha. Tghid li meta kienet fi triqitiha lejn id-dar rat lill-imputat Caruana armat u bdiet tghinu jzarma peress li kien wahdu. Tghid li kien hemm *wire* fit-triq, ratu jgerrbu ma' jdejh ghax kien qieghed wahdu u ghamlu fejn it-*telephone box*. Tghid: *"X'hin zarmajna u lesti u kollox, qalli [Ronald Caruana] minhabba l-wire, u qalli, "dik il-kaxxa? Ghax hu ghamlu fejn il-letter box. Jiena dak il-hin mort gibt il-kaxxa u tajtha lilu biex jaghmilha fil-vann"* (*a fol.* 64). Jghid li wara kkuntatjaha l-imputat Caruana u qalilha li kienu cemplulu l-Pulizija minhabba l-*wire* u qalilha biex tmur mieghu.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li fil-hin li rat il-*wire* ma kien hemm hadd ghadu armat. Tghid li l-hin kien bejn wiehed u iehor s-1.30am-s-2.00am. Tghid li kien hemm *wire*, gabritu u ghadditu lill-imputat Ronald Caruana. Tghid li kien qieghed fejn il-*letter box,* fejn it-*telephone box*. Tghid li kien dritt mal-art u li kien imwahhal ma' *plugs* u li l-imputat Caruana qalghu minn mad-dawl u gerrbu. Mistoqsija tghid ghala hadet il-*wire*, tghid: *"Ghax hu kien qieghed fejn it-telephone box, imbaghad is-Sur Ronald Caruana qalli, "U dik il-kaxxa?". Jiena mort, gibt il-kaxxa u ghaddejtha lil Ronald Caruana"* (*a fol.* 66). Tghid li ma ghandha x'taqsam xejn man-negozju ta' Ronald Caruana.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014, xehed ukoll l-imputat **Ronald Caruana** (*a fol. 67 et seq.*) fejn qal li lill-imputata Galea jafha ghax hija habiba ta' huh u li dakinhar tal-akkadut marret tghinu jzarma ghax kien armat bil-helu ghan-Notte Gozitana.

Jghid li hu *hawker* u li kien hemm *wire* mwahhal mad-dawl ma' sigra bid-dawl go fih u magenb kien hemm pompa tal-*petrol*. Spjega li gerbeb il-*wire*, qalghu minn fuq id-dawl u ghamlu go kaxxa biex jekk jinqala' xi hadd jaghtihulu. Jispjega li ghal bidu halla l-*wire* fejn it-*telephone box* go kaxxa u peress li ma nqala' hadd ghalih u peress li kien qed juzah tal-*bouncing castle*, li joqghod Malta, iddecieda li jigbru u jiehdu biex ikun jista' jaghtih lil tal-*bouncing castle* minhabba li jarah Ta' Qali. Jghid li wara xi gimgha jew hmistax-il gurnata sar kuntatt mieghu mill-Pulizija, mar Ghawdex u tela' bil-*wire*.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk jafx li sid il-*bouncing castle* huwa Ghawdxi jghid li ma jafx. Wara diversi drabi mistoqsi din id-domanda, wiegeb li milli sema huwa Ghawdxi. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala hass il-htiega li jiehu l-*wire* mieghu Malta meta sema li sid il-*bouncing castle* huwa Ghawdxi, ighid li ghax minkejja li huwa Ghawdxi, joqghod Malta. Jghid li lil Natalie Galea ma qalilha xejn li l-*wire* ma kienx tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 32 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Ronald Caruana lill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata wara li huwa nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat jispjega s-segwenti: *"Mela kif spiccat l-attivita u kien zarma kullhadd, jien nottajt wire fin-nofs ta' triq, jien kebbibtu u hallejtu fit-telephone box li fl-istess pjazza, fejn jarawh in-nies. X'hin ghaddiet madwar siegha, u rajt li ma' gie hadd u wara li kont ghabbejt kollox, kien hemm tfajla li jisimha Natalie u li kienet qieghda fejni, u marret u gabet dan il-wire.*

*Malli gabitu, hi qabdet u tefghatu fil-vann, jien ghalaqt il-bieba u tlaqt l-hemm"* (*a fol.* 33).

Illi, fl-istqarrija (Dok. "BCS 2" – *a fol.* 34 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata Natalie Galea lill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata wara li hija nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat u hija hadet dan id-dritt, l-imputata tghid: *"Fl-ahhar x'hin kont qieghed nzarma, fejn letter box li hemm, kien hemm kaxxa tal-kartun li kien fiha wire ta' kulur abjad u Roland qalli 'u dik il-kaxxa' u jiena fhimt li qalli hekk biex imur ingibha. Filfatt jiena mort ngibha u ghabbejtha fil-vann"* (*a fol.* 34 *tergo*). Tghid li ghaliha ma kienitx qed tisraq ghax il-*wire* ma tafx ta' min kien. Tghid li ma ppruvatx tara ta' min hu dan il-*wire* u li ma kien hemm hadd x'hin zarmaw huma.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi mic-*charge sheet"*[1] ipprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra z-zewg imputati odjerni jirrizulta li l-imputati qed jigu akkuzati taht l-ewwel (1) imputazzjoni li serqu *wire* tal-elettriku u xi oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin. Ghandu jinghad li mic-*charge sheet* in kwistjoni, il-valur indikat fl-ewwel imputazzjoni gie ndikat bhala *"mija, erbgha u sebghin Euro u hamsa u ghoxrin centenzmu (€ 147.25)"*. M'hemmx dubju li l-izball li jidher fil-kliem u l-figuri tal-valur huwa zball li jista' jitqies bhala *lapsus calami* tenut kont li minn dokument immarkat bhala Dok. "BCS 5" (*a fol.* 37) jirrizulta li l-ammont

[1] *A fol.* 1.

huwa dak ta' € 147.25 u mhux € 174.25. Minkejja dan, dan l-izball ma jaghmilx differenza *stante* li, f'kaz li tinsab htija taht din l-imputazzjoni, is-serq jibqa' aggravat biss bil-hin. L-oggetti l-ohra li ssir riferenza ghalihom fl-ewwel (1) imputazzjoni huma dawk l-accessorji tal-*wire* in kwistjoni, kif jirrizulta minn Dok. "BCS 5" (*a fol.* 37).

Illi l-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di*

*una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, fir-rigward tal-imputat Ronald Caruana, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Joe Louis Caruana (*a fol.* 41 *et seq.*) xehed li kienu taw xi *wires supply* lil tal-*bouncing castles* u ndunaw li l-*wire* ma kienx hemm.

- Vincent Apap (*a fol.* 52 *et seq.*) ikkonferma li rama l-*bouncing castles* u meta zarmaw hallew il-*wire* fejn kien.

- L-imputata Natalie Galea (*a fol.* 63 *et seq.*) tghid li l-*wire* in kwistjoni kien dritt mal-art u li kien imwahhal ma' *plugs* u li l-imputat Caruana qalghu minn mad-dawl u gerrbu ma' jdejh u hallih fejn *telephone box*. Tghid ukoll li meta kienu qed izarmaw, l-imputat indikalha l-kaxxa li fih kien hemm il-*wire* u hija marret gabritha u tatha lill-imputat u ghamilha fil-van.

- L-imputat Ronald Caruana (*a fol.* 67 *et seq.*) ikkonferma li huwa qala' l-*wire* minn fuq id-dawl u ghamlu go kaxxa. L-imputat jghid li ddecieda li jigbor l-*wire* u jiehdu Malta biex ikun jista' jaghtih lil tal-*bouncing castle.* Il-Qorti tinnota li l-imputat m'huwiex kredibbli f'dan. L-imputat setgha facilment ihalli l-*wire* fejn kien minghajr ma jmissu, setgha wkoll facilment jiehdu l-Ghassa tal-Pulizija. Il-fatt li l-imputat l-ewwel qala' l-*wire* minn fuq id-dawl, imbaghad

poggieh go kaxxa, imbaghad hallieh wahdu biex jara jekk jinqalax xi hadd ghalih u wara gieghel lill-imputata, li jikkonferma li ma qalilhiex li l-*wire* ma kienx tieghu, tigbor il-kaxxa juri li l-intenzjoni tal-imputat ma kienitx wahda genwina. Jirrizulta mid-depozizzjoni tal-imputat li kien xi gimgha jew hmistax-il gurnata wara li sar kuntatt mieghu mill-Pulizija. Allura l-Qorti ssaqsi: tul dan iz-zmien kollu, l-imputat ma sabx hin li jghaddi l-*wire* lil tal-*bouncing castle* jekk verament kellu l-hsieb li jaghmel hekk?! M'huwiex kredibbli lanqas l-imputat meta wara diversi domandi in kontro-ezami hu gie mistoqsi jekk jafx li sid il-*bouncing castle* huwiex Ghawdxi jew le, l-ewwel jghid li ma jafx, u wara qal li milli sema huwa Ghawdxi. Kien biss meta gie mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala hass il-htiega li jiehu l-*wire* mieghu Malta meta sema li sid il-*bouncing castle* huwa Ghawdxi, li huwa qal li ghax min ghalih li minkejja li dan il-persuna huwa Ghawdxi, huwa joqghod Malta!

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fid-decizjoni kwotata hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, inkluz l-aggravju tal-hin, giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-<u>imputata Natalie Galea</u>, il-Qorti tinnota minghajr tlaqlieq ta' xejn li minn imkien ma jirrizulta li l-imputata kkomettiet ir-reat ta' serq tal-*wire* in kwistjoni. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

- Fix-xiehda taghha (*a fol.* 63 *et seq.*), Natalie Galea tghid li rat lill-imputat Caruana jgerbeb il-*wire* u jaghmlu fejn it-*telephone box*. Tghid: *"X'hin zarmajna u lesti u kollox, qalli minhabba l-wire, u qalli, "dik il-kaxxa?". Ghax hu ghamlu fejn il-letter box. Jiena dak il-hin mort gibt il-kaxxa u tajtha lilu biex*

*jaghmilha fil-vann"* (*a fol.* 64). Hija tghid ukoll li ma ghandha x'taqsam xejn man-negozju ta' Ronald Caruana.

- Fl-istqarrija (Dok. "BCS 2" – *a fol.* 34 *et seq.*) rilaxxata minnha, l-imputata tispjega li x'hin l-imputat indikalha ghal kaxxa li fiha kien hemm il-*wire* hija fehmet li qalilha biex tmur iggibha u hi hekk ghamlet.

- Fix-xiehda tieghu (*a fol.* 67 *et seq.*), Ronald Caruana jghid li lill-imputata Natalie Galea ma qalilha xejn li l-*wire* in kwistjoni ma kienx tieghu.

- Fl-istqarrija (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 32 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat jispjega: *"X'hin ghaddiet madwar siegha, u rajt li ma' gie hadd u wara li kont ghabbejt kollox, kien hemm tfajla li jisimha Natalie u li kienet qieghda fejni, u marret u gabet dan il-wire. Malli gabitu, hi qabdet u tefghatu fil-vann, jien ghalaqt il-bieba u tlaqt l-hemm"* (*a fol.* 33).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tinnota li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata ma giex pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi mic-*charge sheet"*[2]ipprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra l-imputati jirrizulta li l-imputati gew akkuzati wkoll bir-reat ta' ricettazzjoni. Apparti l-fatt li l-Qorti tinnota li huwa car li din l-imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, pero fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi wkoll li fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju (*a fol.* 48), l-Avukat Generali ma kwotax l-artikolu tal-ligi minn liema jemergi r-reat ta'

[2] *A fol.* 1.

ricettazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju (*a fol.* 48), l-Avukat Generali jidhirlu li z-zewg imputati ghandhom jigu kkunsidrati bhala recidivi. Mic-*charge sheet*"[3]ipprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra z-zewg imputati, jirrizulta li huwa biss l-imputat Ronald Caruana li huwa addebitat bir-recidiva. Fir-rigward tal-imputata Galea, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ezebiet l-ebda sentenza moghtija kontra taghha u b'hekk l-imputata ma tistax titqies li hija recidiva. Fir-rigward tal-imputat Caruana, gew ezebiti vera kopji ta' zewg sentenzi: wahda moghtija fl-14 ta' Dicembru 2007 (Dok. "E" – *a fol.* 20 *et seq.*) u ohra moghtija fid-19 ta' Novembru 2008 (Dok. "F" – *a fol.* 22 *et seq.*) minn liema sentenzi jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfront taghha nghataw is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat Caruana fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputat Ronald Caruana. B'hekk bhala stat ta' fatt gie pruvat li l-imputat Caruana huwa recidiv.

**Ikkunsidrat**

[3] *Ibid.*

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Caruana li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat Caruana, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "C" – *a fol.* 17 *et seq.*) u n-natura tar-reat addebitat lill-imputat. Ghal finijiet ta' piena *inoltre* il-Qorti mhux ser tikkonsidra lill-imputat Caruana bhala recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali *stante* li mis-sentenzi esebiti (Dok. "E" – *a fol.* 20 *et seq.* u Dok. "F" – *a fol.* 22 *et seq.*) jirrizulta li dawn jirreferu ghal reati rizultanti mill-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, ma ssibx lill-imputata Natalie Galea hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnha u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-15 ta' Mejju 2013 b'mod partikolari Artikoli 261 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tikkunsidrax lill-imputat Ronald Caruana, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, bhala recidiv kif mitlub taht it-tielet (3) imputazzjoni, pero issibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat Ronald Caruana bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati Ronald Caruana bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------